# LECTIO DIVINA

# It-TieletĦadd

# Matul is-Sena (Sena Ċ)

### Lq 4, 16-21

**Ambjentazzjoni u kuntest**:

A. Luqa kiteb 50 sena wara li ġraw il-fatti, hu l-uniku evanġelista li jistqarr li hu ma' jagħmilx parti minn dawk li kienu jafu lil Ġesu' personalment. L-iskop ta' Luqa kien li dak li nkiteb biex dawk li **jaqraw ikollhom ċertezza soda, u jibbazaw il-fidi tagħhom fuq affermazzjonijiet ċerti.**
Il-kittieba klassiċi kellhom id-drawwa li jiddedikaw l-opra tagħhom lil dik il-persuna li tisponsorja l-opra tagħhom. Luqa kellu ammiratur, Teofiju probabilent kien nisrani tat-tajjeb mill-Asia Minuri li ħallas l-ispejjeż kollha ta' din l-opra. Bħala sinjal ta' rikonoxxenza l-evanġelista jsemmih fil-prologu tal-Vanġelu u fil- ktieb tal-Atti tal-Appostli.

*B.* It-test magħżul kien mill-profeta Isaija: *'L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għax hu kkonsagrani, Bagħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin, u d-dawl mill-ġdid lill-għomja, nrodd il-ħelsien lill-maħqurin u nxandar sena tal-grazzja tal-Mulej.'*
Minn hu dan il-bniedem inkarigat biex iwassal messaġġ ta' ħelsien lill-foqra. Fuq min qed jitkellem Isaija? Il-profeta qiegħed jirreferi għall-personaġġ li madwar 400 sena qabel Kristu kien mibgħut minn Alla biex ifarraġ lill-Israeliti li kienu għadhom kemm ġew lura mill-eżilju ta' Babilonja.

C. **Ġesu' jippreżenta l-programm tal-missjoni tiegħu fil-komunita' ta' Nazaret**. Hu jirritorna lejn il-post fejn il-fama tiegħu bdiet tinxtered madwar il-Galileja kollha u

fejn mexxih l-ispirtu. Il-fatt li Ġesu' jgħallem fis-Sinagoga jfisser l-origini lhudija tiegħu u x-xewqa li jieħu sehem mill-kult sabiex jenfażizza r-rwol vitali tal-liġi t'Alla li ġiet afdata lill-poplu tiegħu u biex joffri lilu nnifsu bħala l-milja u t-tama t'Iżrael.

F'Nażaret, Ġesu' jippreżenta lilu nnifsu bħala l-profeta – infatti u jxebbaħ lilu nnifsu ma' Elija u Eliżew – anki jekk hu ma' jiddefinixix lilu nnifsu bħala tali.

*D.* Ir-riferenza għall-profeta Isaija hi fundamentali għax jirrivela l-kontinwita' tal-istorja tas-salvazzjoni. Il-ġesti ta' Gesu' *"Hu qam biex jaqra (v.17), raġa għalaq il-ktieb, - u qagħad bil-qegħda"* ta lin-narrativa karattru liturġiku. In-novita' kien fl-omelija li għamlet il-profezija preżenti. ***Illum,*** kelma kruċjuali f'San Luqa turi t-twettieq u l-milja tal-wiegħdiet ta' Alla fi Kristu. Ir-reazzjoni mmedjata għal kelma ***illum*** kienet ta' sorpriża u nuqqas ta' twemmin kif ukoll ta' stagħġib u skandlu saħansitra ta' rifjut li diġa nsibu fil-mistoqsija wara l-proklamazzjoni ta' Ġesu. Mistoqsija mingħajr tweġiba: Dan ma huiex iben Ġużeppi? (v.22) Il-kuntrast bejn il-Kelma pproklamata ta' bniedem li hu mimli bl-ispirtu tal-Mulej, ikkonsagrat biż-żejt, u mibgħut għall-missjoni speċjali dik messjanika: *biex inwassal il-bxara t-tajba, biex jaħfer..*

E. Għal Luqa hemm żewġ mistoqsijiet huma nseparabbli: ***Min hu Ġesu'? Il-ħidma tiegħu li min hi ndirizzata?*** Ir-relazzjoni bejn il-kelma u l-azzjoni hi ħafna qawwija, azzjoni drammatika li twasslu biex jaġixxi lil hinn mill-konfini ta' Iżrael. L-ispirtu abbundanti li ġie mogħti lil Ġesu': fi twelidu (1,35), fil-Magħmudija (3;22), u waqt it-tentazzjonjiet (4:1) u fil-bidu tal-missjoni tiegħu (4:14) hu l-ispirtu li jitkellem minnu Isaija (18) li jagħmel l-azzjoni ta' Alla espliċita. Azzjoni li ma għandhiex limiti etniċi, iżda li tfittex lil dawk li jeħtieġu s-salvazzjoni: il-foqra, il-ħabsin, l-għomja, l-imjassra, u biex jibda iż-żmien tal-grazzja tal-Mulej. Il-profeta mibgħut minn Alla hu ħieles minn kull limiti u rbit. Aħna għaddejin mill-kult tas-sinagoga li mhux kapaċi jilqgħa l-Kelma mħabbra fl-imgħoddi **u qed titwettaq illum**. Ġesu' jaqbad it-triq tiegħu li minn Ġerusalem twasslu sat-trufijiet tal-art permezz tas-segwaċi tiegħu.

F. Kien is-Sibt u n-nies kienet tmur fis-sinagoga biex titlob, u biex tisma l-qari u l-ispjegazzjoni tal-Kelma t'Alla. Ir-Rabbini kienu jorganizzaw iċ-ċelebrazzjoni iżda kull lhudi adult setgħa jaqra u jikkumenta l-Iskrittura. Li tagħmel l-omelija kienet ħaġa faċli l-importanti li wieħed jitgħallem bl-amment l-ispjegazzjoni u l-kummenti

magħmlula mill-rabbini magħrufa u tirrieferi għall-opinjonijiet tagħhom. **Ħadd ma' kien daqshekk prużuntuż li jażżarda li jżid l-interpretazzjoni personali tiegħu**. Bħas-soltu Ġesu' kien jingħaqad mal-ġemgħa u kien ikun disponibli biex jipproklama l-kelma.

Il-liturġija tibda bir-reċita tax-*Shema*' l-istqarrija tal-fidi tal-israelita żelanti – li kienet tkompli bit-18 il-barka, fejn kienet twassal għall-qofol taċ-ċelebrazzjoni il-qari taż-żewġ testi mill-Iskrittura: wieħed mill-Ktieb tal-Pentetewku (It-*Torah*) u l-ieħor mill-profeti. Minn kien jaqra it-tieni qari ġeneralment kien jagħmel l-omelija. Il-klima kien wieħed ta' ġabra u talb, u l-ġemgħa kienet disposta biex tisma l-Kelma t'Alla u Ġesu' jieħu l-okkazzjoni biex iwassal il-messaġġ tiegħu.

Luqa jikteb b'mod metikoluż xi partikularitajiet biex iwassal il-messaġġ teoloġiku. L-ewwel dettal jidher superfluwu: Ġesu' jiftaħ il-ktieb li ġie mogħti lilu. Luqa jrid ifiehem lill-qarejja li **mingħajr Ġesu' it-test sagru hu ktieb magħluq, il-kliem tal-profeti u l-kotba kollha tal-A.T. ma' jistgħux jiġu mifhuma mingħajr Ġesu. Hu biss Ġesu' li hu kapaċi jagħtihom sens.**

Wara l-qari Ġesu' jaqgħlaq il-ktieb u jgħaddih lill-qaddej u joqgħod bil-qiegħda u għajnejn kulħadd kienu fuqu. Ir-rabbini jispjeġaw il-kelma t'Alla bil-qiegħda. Il-fatt li Luqa jnizzel dan id-dettal ifisser li Ġesu' sar l-imgħallem. L-istedina għalina lkoll sabiex niffissaw għajnejna fiH u f'ħadd iżjed. Il-kotba tal-A.T. għandhom bħala skop li jwassluna għaliH u meta jilħqu dan l-iskop jistgħu jiġu magħluqa.

G. F'dan il-kuntest storiku bniedem mimli bl-Ispirtu tal-Mulej kien mibgħut biex iħabbar is-sena tal-grazzja, il-ġublew, iż-żmien li fih ġew riskattati id-djun kollha, u kull forma ta' skjavitu' u terġa tigi mill-ġdid il-ġustizzja.

**Illum** – *qed iseħħ din il-profeżija* (21). **Ġesu' ma jikkumtentax it-test tal-profeta, iżda jħabbar it-twettieq tagħha.** Illum tibda is-sena tal-grazzja, il-festa mingħajr tmiem, għax lil kulħadd f'isem Alla, ġiet mħabbra s-salvazzjoni, gratuwita u mingħajr kundizzjoni.

It-terminu lhudi *deror* li nsibuh f'Isaija jfisser ħelsien lill-ħabsin tfisser tħoll dak li jżomm milli wieħed jigri, iħaffef. Illum il-kelma ta' Ġesu' tibda teħles mhux biss il-mard – li huwa sinjal tat-taqsir tal-ħajja – iżda minn kull blokk psikoloġiku u morali. Ħelsien ukoll mill-passjonijiet, mill-għatx tal-pusses, mill-kluba għall-poter u għas-

suċess. Dawn il-ktajjen illum qed jibdew jinħallu. Il-forza li twassal biex jinħallu dawn il-ktajjen huwa l-Ispirtu s-Santu (v.4) li bil-qawwa ta' Ġesu'u bil-kelma tiegħu ikisser il-ktajjen tax-xitan li jżommu lill-bniedem fi stat ta' skjavitu. (Lq. 4,36).

**Nidħlu fil-fond tat-test**

**v16:** Jidher li s-sinagoga kienet post iffrekwentata ħafna minn Ġesu'. Kien hawnhekk li fil-bidu tal-ħajja adulta tiegħu kien sema' il-Kelma t'Alla u nterpretaha skont it-tradizzjoni ħajja tal-poplu. Hu sinifikativ li Ġesu' ifittex iċ-ċentri tal-kult. Kull adult lhudi kellu d-dritt li jipproklama l-kelma, ġeneralment il-mexxejja tas-sinagoga kienu jafdaw din il-ħaġa lil dawk li kienu esperti fl-Iskrittura. Il-fatt li Ġesu' qam bil-wieqfa biex jaqra juri li kienet drawwa għalih li jagħmel dan bħalma kien normali għalih li kien jiffrekwenta s-sinagoga. Il-kliem *kienet drawwa* jagħti forza li vers li dak li qiegħed jaqra u jitkellem ma' huiex wieħed kwalunkwe iżda iben Iżrael, u espert fil-qari u fl-interpretazzjoni tat-Torah u tal-Profeti. Il-fidi nisranija li taf il-bidu tagħha minn dawk li kienu jirrepreżentaw il-poplu ta' Iżrael tfakkarna li ż-żmien ta' stennija kien spiċċa. Il-persunaġġi prinċipali f'Luqa huwa Iżraeliti awtentiċi: Żakkarija, Eliżabetta, Ġwanni, Marija, Ġużepp, Ġesu', l-appostli, u aktar il-quddiem San Pawl. Is-sinagoga hi l-post fejn ix-xandir tal-kelma beda u xtered fil-bliet tal-Lhudija u tal-Galileja, u f'Iżrael kollu sa truf kollha tal-art.

**v 17-19:** Ġesu' isib fit-test ta' Isaija 61:1-2 li probabilment kien qed jirreferi għall-konsagrazzjoni tal-profeta. (cfr.1 Re 19:16) Luqa jħalli barra ċ-citazzjoni ta' Isaija fejn jitkellem min dak li jagħmlu l-ħsara għax ma' kienx l-għan li għalih kien qed jikteb: hu enfażiżża li t-tagħlim ta' Ġesu' għandu l-għeruq tiegħu fl-Iskrittura (17-19; 25-27) u jagħmilha preżenti fil-persuna tiegħu. Il-kliem ta' Iżaija fuq fommu akkwistaw it-tifsira sħiħa u ġabar fihom il-missjoni tiegħu. (cfr.4:1) mimli bl-Ispirtu, ikkonsagrat mill-Mulej, mibgħut biex ixandar il-bxara t-tajba lill-foqra, jagħti il-ħelsien lill-ħabsin u dawn li huma mjassra, jagħti d-dawl lill-għomja u jxandar iż-żmien tal-grazzja tal-Mulej.

**v 20:** Id-diskrizzjoni dettaljata tal-ġesti juri dak li għandu jiġi. Ġesu' jitkellem waqt li hu bil-qiegħda, hi pożizzjoni ta' wieħed li qed jgħallem. Għajnejn kulħadd waqgħu fuqu qed iħejjuna għall-importanza ta' dak li ser jgħid. Hi omelija tassew qasira iżda li ġġib lill-bniedem

fi kriżi. Il-movimenti juru l-karattru ta' dan il-passaġġ ta' Luqa. Ġesu' ġie, daħal, qam bil-wiefqa, qagħad bil-qiegħda, u għadda minn ġo nofshom u baqa sejjer. In-nies ta' Nażaret riedu jeħilsu minnu. Hawn naraw kuntrast ċar. **Ġesu' iqum bilwieqfa biex jaqra, l-irġiel qamu biex jibgħatuh il-barra**. Is-sens ta' stennija naraw spjegat fil-vers: *Għajnejn kulħadd fis-sinagoga kienu fuq* tbiddel f'rifjut. Il-problema ma' kienitx il-proklamazzjoni, li kienet għajn ta' tama għall-Iżraliti devoti, iżda għal **Dak** li pproklamaha u għamilha tiegħu.

**v 21:** Ġesu' ma' għadda l-ebda kumment fuq il-kliem tal-profeta Isaija, iżda għamilhom preżenti. Il-kelma tiegħu hi ġrajja – (Atti 10,37) **kelma li hi salvazzjoni issa llum.** Il-profeżija saret ħajja, realta' u ħadet posta llum. L-interpretazzjoni ta' Ġesu' tmur lil hinn minn kull stennija. Il-Kelma ***illum*** (ma' hiex xi ħaġa poetika, iżda reali) hi xi ħaġa tipika f'Luqa f'kelma waħda l-illum tas-salvazzjoni, illum tal-milja li jiġi mis-smigħ (Cfr.Rum.10,17). **L-aktar ħaġa essenzjali għal Luqa hu li jisma.** It-twettieq tal-wegħdiet l-antiki li nsibuhom irrepetuti fil-Vanġelu ta' Luqa (Lq 9;51; Atti 2,1; 19,21) huma għal dawk li jisimgħu: l-*anawim,* il-foqra, l-imjassra, dawn huma l-preferuti ta' Alla (Is.11:4; 29,19) u dawk li aċċettaw lil Ġesu' (Mt.11:28)

L-esiġeżi li għamilha Ġesu' nnifsu fuq Isaija hu eżempju li juri l-preżenza messjanika, u jagħti dawl fuq is-sitwazzjoni preżenti. Ġesu' hu awtorita' kreattiva li jitlob min-nies li jaddottaw ħajjiethom għall-messaġġ, u jaċċettaw l-ikkonsagrat ta' Alla. Fis-sinagoga ta' Nażaret, insibu t-tweġiba fundamentali ta' dawk li jixtiequ jiltaqgħu mas-salvazzjoni. Ġesu' hu mibgħut minn Alla u sostnut mill-Ispirtu, li l-Iskrittura jsib il-milja tagħha fiH**. Ġesu' hu l-ILLUM ta' Alla. Il-messaġġ ċentrali ta' Luqa hu l-Iskrittura. Fl-Iskrittura insibu x-xewqa t'Alla għalina.**

**Illum: hi l-key word tal-ħajja tiegħi ta' kuljum**. F'illum Kristu mar fis-sinagoga tal-konvinzjonijiet tiegħi biex iħabbar il-bxara t-tajba lill-faqar ta' ħsibijieti, u xewqati, ta'dawk il-ħwejjeġ, u azzjonjiet li inħoss li jien skjavi tagħhom. Sena ta' grazzja, ta' konverżjoni, u barka.

**Għajnuna għar-riflessjoni**

Int temmen li jekk tiftaħ qalbek għad-don tal-konverżjoni, il-kelma **Illum** m'hiex waħda poetika iżda reali?

Int temmen tassew li l-Kelma ta' Alla għandha qawwa li tbiddel il-qalb u l-moħħ tal-bniedem?

Dan it-test jagħti dawl fuq il-programm tal-ħidma fundamentali tal-Knisja: Ix-xandir tal-Kelma, il-Liturġija li tissarraf f'qadi u servizz.

F'dan id-diskors inawgurali ta' Ġesù naraw spjegazzjoni awtentika tal-ministeru ta' Ġesù. **Skop:** li nkunu wlied il-Missier billi ngħixu ta' aħwa. **Il-Mezz:** is-smiegħ tal-Kelma ta' Alla. **Kif Naġixxu:** bil-qawwa tal-imħabba, li hi l-Ispirtu ta' Alla. **Meta naġixxu?:** Illum. **Għal min?:** Għal dak li jisma' l-Kelma